MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Numru 220/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**KEITH CORTIS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Keith Cortis ta' 19 sena, iben Paul u Rita Marthese nee' Calleja, imwieled fil-25/09/1990 detentur ta' karta t'identita nru 467190M u residenti nru 17, 'Ipomoea' Triq is-Sedqa, Attard.

Billi gie akkuzat talli fit-28 ta' Frar 2010 ghal habta ta' 20.00hrs fl-MFA parkin area gewwa r-Rabat, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew arti jew

professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq motorcycle tal-ghamla Gilera Runner, numru tar-registrazzjoni KIT925, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi u perdurata fuq il-persuna ta' Diana D'Anastasi minn Had-Dingli, skond kif iccertifikat Dr. Paul Scarrow MD ta' l-isptar Mater Dei.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JA4 u nnutat li l-imputat Keith Cortis m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzoni li tat Diana D'Anastasi li fis-Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010 qalet: "Nghid jiena lil imputat Keith Cortis jiena nafu u nafu mix-xoghol. Nghid fid-data tat-28 ta' Frar 2010 jiena flimkien mal-imputat konna morna dawra b'mutur u l-mutur saqu l-imputat u nghid jiena lil imputat kont ghidtlu li jiena xtaqt immur dawra bil-mutur. Nghid id-dawra ghamilniha, nghid din id-dawra ghamilniha fiz-zona ta' wara l-ground li hemm gewwa Ta' Qali. Nghid illi bhala speed l-imputat ma kienx qieghed isuq bi speed. Nghid fil-fatt dak il-hin kien ghadu kif qabbad il-mutur biex immorru lura u nghid illi kien ilu ftit illi l-imputat kien rega' startja l-mutur biex imorru lura u konna allura ghamilna distanza zghira u ghalhekk l-ispeed kien ghadu baxx. F'daqqa wahda t-tnejn li ahna jien u l-imputat spiccajna t-tnejn fl-art. Kont ittihidt l-isptar Mater Dei u jiena soffrejt ksur f'sieqi l-leminija. Nghid jiena medikament m'ghadniex inbaghti xi konsegwenzi ta' griehi sofferti minni f'dan l-incident. (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami, l-istess xhud Diana D'Anastasi, fl-istess Seduta, qalet: "Nixtieq nghid li din kienet l-ewwel okkazjoni li jiena kont irkibt mutur. Nghid meta waqajna t-tnejn li ahna spiccajna l-istess naha. Qed nigi mistoqsija mid-Difiza jekk kemm –il darba jiena li fil-fatt ma kelliex l-

esperjenza ta’ qabel li rkibt mutur qabel, jiena stajt peress li ma zammejtx mal-istess pozizzjoni li kien qieghed izomm id-driver allura b’hekk stajna ukoll zbilancjajna, nghid illi ma neskludiex tali haga. Nghid illi l-art fejn konna qeghdin insuqu fejn sehh l-incident m’hijiex proprjeta tarmac.

Nghid kemm jiena kif ukoll l-imputat it-tnejn li ahna konna lebsin crash helmet. Nghid illi l-imputat ma weggax. Nghid jien ghandi licenzja tal-karozza u nsuq karozza. Nghid ghalija l-imputat meta kien qieghed isuq dana l-mutur u kont jiena ukoll riekba fuq l-istess mutur kien qed isuq b’mod normali u b’mod tajjeb. Jidhirli l-mutur, jidhirli li kellu xi girfa bhala hsara.” (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal brani mill-kontro-ezami ta’ PS 1243 George Polidano (Seduta 11 ta’ Gunju, 2010) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: “Nghid jiena kont mort l-isptar Mater Dei l-ghada filghodu u jiena kont kellimt lil Diana D’Anastasi..........................................”. Hi ziedet tghid illi hin minnhom zbilancjaw ruhhom u waqghu t-tnejn mal-art u hi wegghet saqajha.” “.........................................................................................”
Nghid illi jiena fuq il-lok tal-incident ma mortx. Nghid illi t-tnejn li huma u dan kemm Diana D’Anastasi kif ukoll Keith Cortis kienu qaluli li dawna kienu zbilancjaw ruhhom minn fuq il-mutur u waqghu minn fuq il-mutur.

Nghid illi jiena mill-investigazzjonijiet li ghamilt jiena ma rrizultali xejn in kwantu jekk kienx hemm xi nuqqas bi hsieb bi traskuragni jew nuqqas ta’ hila jew arti fil-professjoni jew nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti in kwantu ghal dana l-incidenti.” (Sottolinjar tal-Qorti).

L-imputat Keith Cortis, fis-Seduta tat-28 ta’ Lulju, 2010, minn jeddu, inter alia, xehed illi: “B’referenza ghall-incident li sehh fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar elfejn u ghaxra (2010) ghal habta tat-tmienja (8.00) ta’ fil-ghaxija fl-MFA parking area gewwa r-Rabat nghid konna jiena flimkien ma Diana D’Anastasi. Jiena kont qieghed bil-mutur tieghi bin-numru tar-registrazzjoni KAT 925 u Diana D’Anastasi kienet riekba wara fuq il-mutur tieghi. Nixtieq

nghid kif jiena startjajt il-mutur u kien hemm Diana warajja fuq il-mutur u jiena zidtlu naqra l-gass il-mutur mar fuq genb spiccajna jiena u Diana t-tnejn (2) ma l-art. Nghid illi t-tfajla Diana waqghet ma l-art u l-mutur waqa' fuqha u weqghet saqajha. Il-hsara li kelli fuq il-mutur kienet minima.

Nixtieq nghid illi l-incident sehh meta jiena kont ghadni kif startjajt il-mutur u tajtu naqra gass u ghal daqs tant jiena ma kontx diga qbadt insuq il-mutur u allura b'hekk ma setax kien hemm speed bil-mutur." "......................................."
"Nixtieq nghid illi jiena fil-fatt fl-istadju illi waqajna bil-mutur kien fi stadju illi jien kont se nibda nimxi bil-mutur." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami, l-imputat Keith Cortis, fl-istess Seduta qal: "Nghid jien ilni nsuq mutur ghal dawn l-ahhar sena u nofs, nixtieq nghid jiena u Diana D'Anastasi konna nahdmu flimkien u hi kienet urietni x-xewqa li xtaqet tmur dawra bil-mutur. Nghid illi dina Diana D'Anastasi kienet qaltli li din kienet se tkun l-ewwel darba li hija se tirkeb mutur. Nixtiq nghid li l-helmets ahna konna lebsin it-tnejn (2) filli fil-fatt dan l-incident gara wara li kont diga dawwart li dina Diana D'Anastasi dawra bil-mutur. Jiena peress li kont naf li qieghda l-ewwel darba li qieghda tirkeb mutur nghid illi fil-fatt bdejt insuq bil-mod u hadt il-prekawzjonijiet kollha. Jiena dak inhar qabel l-incident jiena ma kontx xrobt l-ebda alcohol." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li, minn ezami tal-provi prodotti, l-akkuza migjuba kontra l-imputat Keith Cortis ma' gietx sodisfacentement ippruvata. F'dan ir-rigward, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghas-suespost u senjatament ghal dak sottolinjat minnha. Ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat Keith Cortis mill-akkuza migjuba kontra tieghu stante li tali akkuza ma' tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------